# Prim' Awla
# Qorti Ċivili - Malta

## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum, it-Tlieta,**
**Tletin (30) ta' April 2024**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 575/2024**

**Em@ney Plc**
**(C 55558)**

**Vs**

**Absolute Holding Limited**
**(C 55534)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat permezz ta' rikors fil-5 ta' April 2024 fejn is-soċjeta' Em@ney Plc talbet lill-Qorti twaqqaf lis-soċjeta' Absolute Holding Limited milli tagħmel is-segwenti:

    1. *Issir komunikazzioni diretta bejn l-atturi u impjegati, konsulenti, u persuni oħra relatati mal-kumpanija rikorrenti, inklużi klijenti, b'kull tip ta' informazzioni inerenti għall-Em@ney jew il-ġestjoni tagħha, li tista' twassal għal tfixkil fl-operat normali tal-kumpanija u taffettwa l-moral tal-impjegati u l-fiduċja tal-klijenti;*

    2. *Issir komunikazzioni daparti tal-atturi mal-MFSA u korpi regolatorji oħra b'informazzioni li tista' tiġi interpretata bħala qarrieqa jew li tinċidi għal 'żball', bil-għan li jinfluwenzaw il-proċessi regolatorji b'mod li ma jirriflettix il-verità tal-operat tal-kumpanija u l-governanza tagħha;*

    3. *Jipproċedi b'kwalunkwe azzjoni li tista' taffettwa l-ġestjoni tal-PQs (Personal Questionnaires) u proċessi oħra mal-MFSA li jkunu b'kuntrast mar-regoli u l-istandards stabbiliti mill-istess Awtorità, inklużi sforzi biex jinfluwenzaw inġustament id-deċiżjonijiet regolatorji mingħajr il-kunsens jew l-approvazzjoni tal-bord tad-diretturi ta' Em@ney Plc;*

> 4. *U li tinibixxi persuni indagati f'Malta u/jew fl-Italia milli jirfsu l-għatba tal-edifiċji tal-kumpanija Em@ney u li b'xi mezz iehor jintimidaw lir-rikorrenti, impjegati u klijenti;*
>
> 5. *U biex tinibixxi l-użu tad-dokument falz u mhux verituż tal-minuti mill-laqgħa ġenerali straordinarja li saret arbitrarjament mill-intimat Absolute, u dan anke b'nuqqas ta' rispett lejn il-Onorabbli Qorti.*

2. Rat id-dokumentazzjoni kollha eżebita mis-soċjeta' rikorrenti flimkien mar-rikors promotur.

3. Rat illi fil-5 ta' April 2024, il-Qorti laqgħet il-Mandat provviżorjament u appuntatu għas-smigħ.

4. Rat ir-risposta tas-soċjeta' intimata, Absolute Holding Limited ippreżentata fid-19 ta' April 2024, fejn is-soċjeta' initmata oġġezzjonat għal dak mitlub, liema azzjoni ġiet deskritta mill-istess intimata kif ġej:

> *B'dan ta' l-aħħar, Arno issa qed jipprova jlibbes l-intimata straitjacket u saħansira jsoddilha ħalqha b'gag order biex b'hekk iġib fix-xejn id-drittijiet tal-intimata Absolute qua azzjonista maġġoritarja – liema drittiijiet diġa ġew eżerċitati kif ser jiġi spjegat.*

5. Rat illi fid-19 ta' April 2024, is-soċjeta' rikorrenti talbet differiment sabiex ikollha ċans tistudja d-dokumentazzjoni u risposta tas-soċjeta' intimata, liema talba ġiet miċħuda.

6. Rat illi l-Mandat kien appuntat għat-trattazzjoni finali għat-22 ta' April 2024.

7. Semgħet it-trattazzjoni fit-tul ta' l-abbli difensuri tal-partijiet kollha illi saret fit-22 ta' April 2024, wara liema trattazzjoni l-Mandat ġie differit għal-Digriet għal-lum.

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

8. Il-Qorti tqis illi qabel ma tinoltra ruħha aktar fil-meritu tal-Mandat, fuq bażi *prima facie*, ikun opportun illi jiġu meqjusa l-aspetti legali li jirrigwardaw l-azzjoni odjerna.

9. Jirrisulta, di fatti, illi a tenur ta' l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita' milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

10. Jirriżulta wkoll illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(2) tal-Kap. 12, il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

11. Jirriżulta illi fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16LM fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjesti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

> *Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*

*(1) ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*

*(2) iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall ħruġ tal-Mandat.*

*Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet* **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et** *deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:*

> *"Tqis illi huwa wkoll miżmum li il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il liġi".*

*(3) ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

> *"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew*

*saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) <u>Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali</u>. Ara* **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

> *"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "<u>Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn</u>. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* **Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti**, *Prim' Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) <u>Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi</u>. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

<u>**Konsiderazzjonijiet Fattwali**</u>

12. Jirriżulta, mid-dokumentazzjoni dettaljata ppreżentata mill-partijiet kif ukoll mit-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, illi fil-preżent teżisti vertenza bejn is-soċjeta' Absolute Holding Limited, illi hija azzjonista maġġoritarja fis-soċjeta' rikorrenti Em@ney PLC, fejn għandha sehem ta' 75%, u s-soċjeta' Tyke Holding Limited, illi għandha sehem ta' 25%.

13. Jirriżulta, di fatti, illi preżentement, is-soċjeta' rikorrenti Em@ney Plc titmexxa minn Bord ta' żewġ diretturi, ossija Germano Arno, illi huwa l-azzjonist u direttur waħdieni tas-soċjeta' Tyke Holding Limited, u Giuseppe Pappolla, illi huwa persuna tal-fidu ċja ta' Germano Arno.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

14. Jirriżulta illi s-soċjeta' Absolute Holding Limited, bħala azzjonista maġġoritarja tas-soċjeta' Em@ney Plc, talbet li ssir Laqgħa Ġenerali Straordinarja sabiex jitneħħew iż-żewġ diretturi eżistenti u jiġu nominati tlett diretturi ġodda, u għal dan il-għan ippreżentat risoluzzjonijiet sabiex jiġu rimossi ż-żewġ diretturi preżenti u jiġu appuntati tliet diretturi ġodda.

15. Jirriżulta illi tali talba saret fid-19 ta' April 2023 u, minkejja oġġezzjonijiet da' parte tas-soċjeta' intimata, id-diretturi tas-soċjeta' rikorrenti appuntaw il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja għad-29 ta' Marzu 2024.

16. Jirriżulta illi fil-25 ta' Marzu 2024, is-soċjeta' rikorrenti Em@ney PLC ippreżentat Mandat ta' Inibizzjoni kontra is-soċjeta' intimata Absolute Holding Limited u Tyke Holding Limited, Mandat ta' Inibizzjoni 519/2024 fejn talbet lill-Qorti tinibixxi liż-żewġ kumpanniji milli jżommu l-Laqgħa Ġenerali Straordinarja u jgħaddu ż-żewġ risoluzzjonijiet fuq imsemmija.

17. Jirriżulta wkoll illi fil-25 ta' Marzu 2024, is-soċjeta' Tyke Holding Limited ippreżentat Mandat ta' Inibizzjoni, din id-darba kontra is-soċjeta' intimata Absolute Holding Limited, Mandat ta' Inibizzjoni 522/2024, fejn talbet lill-Qorti tinibixxi liż-żewħ kumpanniji milli jżommu l-Laqgħa Ġenerali Straordinarja u jgħaddu ż-żewġ risoluzzjonijiet fuq imsemmija.

18. Jirriżulta illi ż-żewġ Inibizzjonijiet ġew milqugħa provizzorjament, iżda ma jirriżultax illi dawna ġew notifikati lis-soċjeta' Absolute Holding Limited, u fid-29 ta' Marzu 2024, saret il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tas-soċjeta' rikorrenti w għaddew ir-risoluzzjonijiet proposti.

19. Jirriżulta illi fit-23 ta' April 2024, kemm il-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 519/2024 kif ukoll il-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 522/2024 ġew miċħuda definittivament.

20. Jirriżulta ċar illi, permezz tal-azzjoni odjerna, s-soċjeta' rikorrenti ma hija tagħmel xejn aktar milli tipprova ċċaħħad lis-soċjeta' intimata milli teżerċita' d-drittijiet legali tagħha, kif ġie osservat wkoll fid-digrieti tat-23 ta' April 2024, fuq imsemmija, w li hija parti minn proċess ta' dilungar u "differimenti" da parte tas-soċjeta' rikorrenti kif ukoll l-azzjonista minoritarja Tyke Holding Limited, biex iġġiegħel lis-soċjeta' maġġoritarja, ossija is-soċjeta' intimata, sabiex tissokkombi għad-deċiżjonijiet tas-soċjeta' minoritarja.

21. Jirriżulta ċar, kemm mid-dokumentazzjoni ppreżentata mill-partijiet, kif ukoll mis-sottomissjonijiet ta' l-abbli difesuri tal-partijiet, illi ebda mill-elementi rikjesti għall-ħruġ ta' tali Mandat straordinarju, bħalma huwa dak tal-Mandat ta' Inibizzjoni, ma jeżistu, peress illi la teżisti d-dritt prima facie tas-soċjeta' rikorrenti milli twaqqaf lis-soċjeta' intimata milli tikkomunika kif jidhrilha opportun, u wisq anqas ma ġie muri illi teżisti xi preġudizzju irrimedjabbli għas-soċjeta' rikorrenti jekk is-soċjeta' intimata

tkompli tagħmel il-komunikazzjonijiet kollha li qed tintalab li tiġi inibita milli tagħmel.

22. Jidher ċar illi l-unika persuna illi tist'a remotement tikkunsidra li tista' ssofri preġudizzju huwa attwalment l-azzjonist minoritarju, Tyke Holdings Limtied, u aktar preċiżament Giuseppe Arno, illi huwa azzjonist ewlieni u direttur uniku ta' tali soċjeta', u li huwa wkoll direttur tas-soċjeta' rikorrenti, flimkien ma' persuna oħra tal-fiduċja tiegħu, u Chief Executive Officer ta' l-istess soċjeta' rikorrenti.

23. Ċertament, minn imkien ma jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti, Em@ney Limited, ma ser issofri preġudizzju irrimedjabbli bid-deċiżjonijiet u azzjonijiet meħuda mis-soċjeta' maġġoritarja Absolute Holdings Limited, u għalhekk l-azzjoni odjerna ma timmeritax illi titqies favorevolment.

**Deċiżjoni Finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u semgħet is-sottomissjonijiet orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fil-5 ta' April 2024 billi:

**Tiċħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni u għalhekk:

**Tirrevoka** *contario imperio* id-digriet tagħha tal-5 ta' April 2024.

Spejjeż għandom ikunu a kariku tas-soċjeta' rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**